TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/190/13/S

Rita Micallef
Vs
World Marketing Services Limited

Illum 21 ta'Novembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rita Micallef ipprezentata fis-7 t'Awwissu,2013 u r-risposta tas-socjeta World Marketing Services Limited ipprezentata fit-12 t'Awwissu,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tas-17 t'Ottubru,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar tagnijiet li nxtraw fis-sena 2004 mir-rikorrenti minghand is-socjeta intimata u li skont kif allegat ir-rikorrenti, sena wara dawn bdew jitqaxru;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[2] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-28 t'April,2004 fl-ismijiet "Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et" :

"...*li huwa principju assodat fil-gurispridenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat...*";

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi mill-provi imressqa, ma jirrizultax dak allegat mir-rikorrenti u cioe li t-tagnijiet kienu difettuzi meta inxtraw;

Illi ma ngabux provi bizzejjed biex l-allegazzjoni tar-rikorrenti u cioe li l-oggetti in kwistjoni kienu difettuzi meta inxtraw, tigi accettata minn dan it-Tribunal;

Illi r-rikorrenti halliet wisq zmien ighaddi biex tressaq l-ilment taghha quddiem dan it-Tribunal;

[2] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Rita Micallef u Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta World Marketing Services Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru